MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 303/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Omissis talli:

(1) Nhar is-27 ta' Gunju 2002, ghall-habta tal-11.30 p.m., gewwa l-Bajja ta' Dragunara San Giljan, irrenda ruhu komplici fid-delitt ta' stupru kontra Omissis ta' 14 il-sena mill-Isvezja, billi b'xi mod xjentement assista lill-awtur fl-atti tad-delitt li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat;

(2) Fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi waqt li kienu aktar minn zewg persuni waqt il-konsumazzjoni tad-delitt u cioe` waqt li kienu jafu bl-att minn qabel ma sehh, u aktar talli kien prezenti waqt li d-delitt kien qieghed jigi ikkunsmat filwaqt li seta' jimpedixxieh, hallieh isir.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghall-protezzjoni tal-imsemmija Omissis tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Ottubru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Omissis hati skond l-akkuza u, wara li rat l-artikoli 198, 201(b), 203(1), 206, 31, 37, 42, 43, 45, 46 u 47 tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal sentejn prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Omissis pprezentat fit-3 ta' Novembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati ta' l-imputazzjonijiet lilu addebitati u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena u/jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena nflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) permezz tar-rinviju maghmul mill-Avukat Generali fit-13 ta' Awissu 2002, huwa ngab f'posizzjoni li kellu jirrispondi ghal reati izjed gravi minn dawk li originarjament kien akkuzat bihom; (2) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi meta (i) siltet siltiet minn dikjarazzjonijiet ta' ko-imputati sabiex tasal ghall-gudizzju finali fil-konfront ta' l-imputati kollha individwalment kontra dak li jiddisponi l-artikolu 658 tal-Kap. 9, (ii) qalet li l-komplicita` tirrizulta anke mill-presenza ta' ragel iehor fuq xena fejn qieghed

isir stupru peress illi tali presenza ssahhah id-determinazzjoni ta’ l-awtur tar-reat, (iii) sostniet li l-artikolu 45 tal-Kap. 9 huwa reat fih innifsu; (iv) qieset li kien hemm komplicita` f’korruzzjoni ta’ minorenni; (3) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi meta (i) sabet li dak li ghamel il-ko-imputat Malcolm Mifsud ghamlu bl-assistenza ta’ l-appellant, (ii) ma tatx piz lix-xiehda ta’ Dr. Mario Scerri u ta’ David Sciberras; (4) minghajr pregudizzju, il-piena nflitta hija esagerata.

L**-ewwel aggravju** gie rtirat fis-seduta tad-19 ta’ Settembru 2006 u ghaldaqstant din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ tali aggravju.

Dwar it-**tieni aggravju** l-ilmenti ta’ l-appellant sejrin jigu kkunsidrati *seriatim*:

(i) L-appellant jilmenta dwar il-mod kif l-ewwel Qorti siltet siltiet minn dikjarazzjonijiet tal-ko-imputati sabiex tasal ghall-gudizzju finali fil-konfront ta’ l-imputati kollha individwalment, inkluz l-appellant. Jirreferi ghal meta l-ewwel Qorti tghid li dak li ghamel l-imputat Malcolm Mifsud sar konsegwenza ta’ mhatra bejn it-tliet imputati kollha, fattur li ntuza sabiex, fil-konfront ta’ l-appellant, tigi radikata l-prova tal-*common design* u konsegwentement htija qua komplici. Pero` l-appellant, filwaqt li jghid illi Malcolm Mifsud ried jitlaq mill-Bamboo Bar biex imur wara David [Sciberras], imkien ma jghid li kien kompartecipi f’xi mhatra jew li ried jghin/jinkoraggixxi/jassisti lil Malcolm Mifsud sabiex jilhaq l-ghan tieghu. Nonostante dan, u nonostante li jidher li kien hemm dizgwid l-iskola bejn Malcolm Mifsud u David Sciberras li ghalih l-appellant kien ghal kollox estraneju, l-ewwel Qorti kkummentat fuq “imhatra” bejn it-tliet imputati, imhatra li Malcolm Mifsud ikollu x’jaqsam ma’ din it-tfajla sesswalment “sa gheluq il-gurnata”. Dan l-ewwel Qorti ghamlitu kontra dak li jiddisponi l-artikolu 658 tal-Kap. 9.

Issa, l-artikolu 658 tal-Kap. 9 jipprovdi: **“Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, <u>tista’ tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha</u> ….”** (sottolinear ta’ din il-Qorti). Barra minn hekk

l-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: **“Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta’ pregudizzju ghal ebda persuna ohra.”** Konsegwentement, x’setghu qalu l-ko-imputati Omissis u Omissis 2 fl-istqarrijiet rispettivi taghhom lill-Pulizija ma jistax ikun ta’ pregudizzju ghall-appellant Omissis. Din il-Qorti sejra ghalhekk aktar ‘il quddiem tezamina dawk il-provi li huma rilevanti ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant Omissis.

(ii) L-appellant jilmenta dwar il-fatt li l-ewwel Qorti tenniet li l-komplicita` tista’ tirrizulta anke mill-presenza ta’ ragel iehor fuq ix-xena fejn qieghed isir stupru peress illi tali presenza tkun qed issahhah id-determinazzjoni ta’ l-awtur tar-reat. Jghid li huwa pacifiku li dan huwa skorrett peress illi ma tezisti ebda komplicita` passiva.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, wiehed irid jezamina c-cirkostanzi tal-kaz biex jiddetermina jekk tkunx tezisti xi forma ta’ komplicita` kontemplata fl-artikolu 42 tal-Kap. 9. Jista’ fil-fatt ikun hemm cirkostanzi fejn is-semplici presenza ta’ persuna fuq ix-xena tad-delitt tkun mezz ta’ kif tissahhah il-volonta` ta’ l-awtur tad-delitt. Per ezempju, fejn jista’ jigi stabbilit li n-nuqqas ta’ persuna li tipprova twaqqaf il-perpetrazzjoni ta’ delitt kien dovut ghall-intenzjoni tieghu li jassisti jew jinkoraggixxi tali perpetrazzjoni, wiehed jista’ jikkonkludi li b’hekk tkun giet imsahha l-volonta` ta’ l-awtur tad-delitt.

Fil-kaz in ezami, pero` dak li ma qalx l-appellant huwa li l-ewwel Qorti qalet aktar milli qal hu. Difatti l-ewwel Qorti qalet li *“ma temminx dik il-parti ta’ l-istqarrija tieghu fejn jinnega illi zammha. Fil-fatt il-Qorti nnutat il-manjiera li bih Omissis jikkwivoka b’mod sofistikat fis-sens illi jghid illi huwa ma zammhiex min idejha, mentri l-provi kollha juru li Omissis* ***inzammet minn spallitha****. Illi b’din il-manjiera, huwa ghen b’mod konkret ghall-perpetrazzjoni tar-reat.”*

(iii) Kwantu ghat-tielet ilment, l-appellant ghandu ragun meta jghid illi, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, l-artikolu 45 tal-Kap. 9 ma

jikkontempla l-ebda reat. L-artikolu 45 jipprovdi testwalment hekk:

**"Meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem f'delitt, kull att maghmul minn wahda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew komplici, u li jkun jaghmel izjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss –**

**(a) lill-persuna li taghmel l-att;**
**(b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u**
**(c) lill-persuna li, ghad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qieghed isir, u ghad li kienet tista' timpedih, hallietu jsir."**

Mela permezz ta' l-imsemmi artikolu, kull att maghmul mill-awtur ta' delitt jew mill-komplici u li jrendi aktar gravi d-delitt, huwa imputabbli lill-persuni elenkati fl-imsemmi artikolu. Dwar jekk japplikax ghall-kaz in ezami jigi kkunsidrat aktar 'il quddiem.

(iv) Ir-raba' lment jiddependi minn apprezzament tal-provi. Din il-Qorti sejra ghalhekk issa tezamina dawk il-provi li huma rilevanti ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant Omissis.

**Fl-istqarrija tieghu l-appellant Omissis** jghid li fil-gurnata in kwistjoni kien qieghed il-Bamboo Bar ma' Malcolm Mifsud, Omissis 2, David Sciberras u tfajla barranija li marret ma' David Sciberras hdejn il-Bajja tal-Bahar. Jghid li Malcolm ried imur warajh u hu beda jghid lil Malcolm biex ma jmurx *"u xorta morna jigifieri jiena, William u Malcolm. Inzilna hdejn David u t-tfajla fejn sibnihom taht sigra bla hwejjeg u bdew jaghmlu l-att sesswali, u wara ftit mar Malcolm fuqha u nehha lil David u ntefa huwa fuqha jaghmel l-att sesswali. Anqas dam forsi zewg minuti fuq din it-tfajla ghax tlaqna 'l hemm ghaliex David qallu xi haga."* Mistoqsi jekk kien hemm xi argument bejn David u Malcolm wiegeb li jahseb li ggieldu u dan wara li Malcolm dahal flok David. It-tfajla baqghet ma' l-art u ma jidhirlux li ghamlet rezistenza ghaliex hu u William marru wara s-sigar fejn kienu. Fuq mistoqsija jekk

zammewx lit-tfajla minn idejha, cahad li hu u William ghamlu dan. Meta Malcolm lesta telqu bil-mixi, regghu raw lil David fuq bankina izda ma qalilhom xejn. Mistoqsi jekk din il-bicca xoghol kinitx miftehma wiegeb: *"Le ma nahsibx."* Mistoqsi x'diskors qal Malcolm Mifsud wara li lesta minn fuq it-tfajla, l-appellant wiegeb: *"Qalilna qed tara kif mort maghha, dan qed nghidu ghaliex hu qal li zgur imur maghha."* L-appellant ma kellux il-hsieb li jmur mat-tfajla. Fl-ahhar ta' l-istqarrija rega' sostna li ma zammilhiex idejha lit-tfajla.

Omissis xehdet li hija ghandha 14-il sena. Fil-gurnata in kwistjoni kienet mal-*boyfriend* taghha (David Sciberras) hdejn il-bahar meta gew it-tliet ko-imputati li mbuttaw lill-*boyfriend* taghha, tnejn minnhom zammewha minn spallejha u l-iehor rikeb fuqha u kellu x'jaqsam maghha. Hija gharfet it-tliet imputati bhala l-persuni involuti f'dan l-incident. Hija kienet qed twerzaq. Ma kinitx certa liema mill-imputati kien li kellu x'jaqsam maghha izda kien jew Malcolm Mifsud jew Omissis 2. Pero` kienet taghraf lil Malcolm ifsud bhala dak li ggieled mal-*boyfriend* taghha. Mal-*boyfriend* kien diga` kellha relazzjonijiet sesswali bil-volonta` taghha u dakinhar, qabel l-incident, kienu qeghdin jitbewsu u kellha l-qalziet mahlul. Kien il-guvni li stupraha li nizzilulha.

**Dr. Mario Scerri** xehed li kien inkarigat mill-Magistrat Inkwerenti bhala espert forensiku biex jezamina lil Omissis. Huwa mar l-Isptar biex jezaminaha fit-28 ta' Gunju izda hija ma tatx il-kunsens taghha. Sussegwentement l-Ispettur Mario Tonna nfurmah li kien hemm ordni gdida mill-Qorti tal-Magistrati biex jezamina lill-imsemmija Omissis u fil-fatt ezaminaha fit-30 ta' Gunju. Huwa sabilha xi tbengil fuq ghonqha kompatibbli ma' *love bites* li kienu saru xi jiem qabel l-incident in kwistjoni kif ukoll abrazjoni fuq in-naha ta' fuq ta' l-id ix-xellugija li wkoll ma kinitx relatata ma' l-incident. Pero` kellha tbengil fuq il-*gluteus maximus* tal-lemin kompatibbli mad-data ta' l-incident u li huwa ddeskriva bhala *grip marks*. Fil-parti taghha ma kienx hemm irritazzjonijiet, hmura, lacerazzjoni jew lezjonijiet ohra. Il-*hymen* kienet elastika hafna u kwazi intatta ghajr ticrita antika zghira hafna u mhux kompleta.

Meta l-*hymen* tkun elastika bhal f'dan il-kaz, il-persuna jista' jkollha relazzjoni sesswali kompleta minghajr ma ticcarrat il-*hymen*. Ma kienx hemm evidenza ta' penetrazzjoni aggressiva u jekk hija bdiet tipprova tinheles u kien hemm xi hadd qed izommha minn spallejha kien isib xi tbengil izda kull ma sab kienu l-*grip marks*.

**W.P.C. 185 Vanessa Xuereb** xehdet illi hija skortat lil Omissis l-Isptar fejn qaghdu jistennew lill-espert tal-Qorti. Sadattant Omissis raqdet ghax qalet li kienet xorbot u kienet ghajjiena. Meta wasal l-espert u qalulha li kienu ser isiru xi testijiet, hija rrifjutat ghax ma kinitx qed thossha "safe", ma kienx hemm il-*boyfriend* taghha hdejha u riedet tigi ezaminata minn mara tabib u mhux ragel, iffirmat dikjarazzjoni u regghu haduha l-ghassa. Meta sabuha fuq il-post, kienet agitata, il-hin kollu tibki u tghajjat lill-*boyfriend* biex joqghod hdejha. Hwejjigha kienu mahmugin, kellha l-qalziet minn wara u l-flokk, u kellha xi hamrija mal-qalza. Hwejjeg imqattghin ma kellhiex. Lix-xhud qaltilha li kienet ma' l-gharus taghha, f'daqqa wahda qabez guvni fuqha, lill-gharus taghha tah daqqa ta' ponn u f'daqqa wahda gew tnejn ohra bdew izommuha minn idejha u l-iehor irrejpjaha.

**David Sciberras** xehed illi fil-gurnata in kwistjoni kien ma' Omissis hdejn il-bahar kienu qeghdin jitbewsu meta tfacca Malcolm Mifsud li qabez fuq Omissis u beda jmissilha sidirha. Hija bdiet tghidlu biex iqum minn fuqha u x-xhud ipprova jqajmu izda dan qam, heddu u mbuttah ma' l-art. Dak il-mument, qal ix-xhud, iddecieda li l-ahjar haga li seta' jaghmel kien li jmur ghall-Pulizija. Dak il-hin ma rax lil Omissis  u lil Omissis. Rahom jitilqu flimkien wara li kien cempel lill-Pulizija. Qabel l-incident, hu u Omissis kienu qeghdin jixorbu izda ma kinux fis-sakra. Meta Malcolm Mifsud qabez fuqha, bdiet tghidlu "No, no get off me" u ticcaqlaq minn naha ghall-ohra. Mistoqsi kif kienet l-art li kienu fuqha, qal li kienet bil-gebel, daqsxejn haxix u kien hemm xi sigar. Mistoqsi l-art kinitx "rough", wiegeb fl-affermattiv "with stones". Qal li meta Malcolm Mifsud mar fuq Omissis hija ma werzqitx izda bdiet tghidlu biex iqum minn fuqha. Lill-Pulizija cemplilhom minn *phone box* hdejn il-bajja. Meta waslu l-Pulizija rikeb maghhom biex imorru

Bamboo jfittxu lit-tliet zghazagh imbaghad marru ghat-tfajla li kienet ma’ xi nies li qalu li kienu sabuha. Qal li kellha xi demm fuq idejha.

**P.S. 1113 Emanuel Aquilina** xehed illi fis-27 ta’ Gunju 2002 gie nfurmat b’telefonata li sehh “rape” fejn il-bajja ta’ Westin Dragonara Beach. Hu u l-kollega tieghu marru fuq il-post fejn, hdejn La Maltija Restaurant, sabu lil David Sciberras li talabhom l-ghajnuna ghax it-tfajla tieghu kienet giet attakkata sesswalment. Sciberras indikalhom fejn kien mat-tfajla, fittxewha u sabuha ma’ certu Joseph Azzopardi li kien qieghed jassistiha ghax kienet tidher imbikkma. Haduha l-ghassa minn fejn ittiehdet l-Isptar bl-ambulanza. Huwa kellem lil David Sciberras li qallu li wiehed mit-tliet guvintur involuti kien Malcolm Mifsud.

**Joseph Azzopardi** xehed illi fil-gurnata in kwistjoni kien niezel hdejn il-bahar wara l-Hilton meta ra tfajla tibki u tghajjat hierga ‘l barra. Mar fuqha biex jara xi gralha u bdiet tibki, saqsiha x’ghandha u qalet li kellha idejha bid-demm. Ix-xhud qal li poggiha bilqieghda fuq blata biex jahslilha idejha fil-bahar u qaghad ipacpac maghha ghax baqghet tibki u twerzaq u tghajjat lil David li, sa dak il-hin, ma kienx jaf min kien. Huwa haseb li kienet waqghet ghax ma qaltlux x’kien gralha. Dam maghha xi ghoxrin minuta sakemm gew il-Pulizija. Lanqas meta kkalmat ma qaltlu x’kien garalha. Mal-Pulizija kien hemm David li rrakkonta x’kien gara u ma garax. It-tfajla kienet imlibbsa normali. Dehret li kienet fis-sakra u saqsiha kinitx xorbot u hija qaltlu li kienet xorbot tequila u vodka. Huwa xamm riha ta’ xorb fuqha.

Minn dawn il-provi, din il-Qorti hija sodisfatta – bhalma kienet l-ewwel Qorti – illi Malcolm Mifsud kellu relazzjoni sesswali ma’ Omissis minghajr il-kunsens taghha. Li dan sehh kontra l-volonta` ta’ Omissis jirrizulta mix-xiehda taghha stess fejn tghid li ppruvat tirrespingi lill-aggressur taghha, mix-xiehda ta’ David Sciberras li xehed dwar kif bdiet tghid lil Malcolm Mifsud “No, no, get off me” jew “go away”, mix-xiehda ta’ Joseph Azzopardi li taha l-ewwel ghajnuna u sabha tibki u twerzaq u anke mix-xiehda tal-Pulizija dwar l-istat li fiha sabu lill-istess Omissis. Huwa

veru illi jirrizultaw xi inkonsistenzi bhal per ezempju meta David Sciberras jghid illi meta waslu l-Pulizija, l-ewwel marru jfittxu lill-guvintur in kwistjoni l-Bamboo qabel ma marru jfittxu lit-tfajla tieghu – haga li hadd mill-Pulizija ma jsemmi. Jew meta Dr. Mario Scerri jghid illi kien jippretendi li jekk Omissis kienet qed tipprova tinheles u xi hadd kien qed izommha minn spallejha, xi daqsxejn *bruises* kien isibilha, u li kieku kien hemm penetrazzjoni aggressiva kien isib xi haga, izda minn dan kollu ma sabx ghajr il-*grip marks*. Dan kollu, pero`, ma jxejjinx il-provi ga` msemmija li juru bla dubju ta’ xejn illi dak li ghamel Malcolm Mifsud ma kienx bir-rieda ta’ Omissis.

F’dar-rigward tajjeb li ssir referenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta li l-ewwel Qorti wkoll rreferiet ghaliha u cioe` s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. James Demanuele** moghtija fit-2 ta’ Ottubru 2000 fejn intqal:

**“Issa, il-ligi taghna, in tema ta’ stupru, tirrikjedi li l-kongungiment karnali ikun sar <u>bil-vjolenza</u>. Tali vjolenza tista’ tkun fizika jew morali (jew, naturalment, it-tnejn flimkien). Il-ligi, pero`, ma tikkwantifikax din il-vjolenza, ossia il-grad ta’ vjolenza li trid tigi wzata biex wiehed jghid li kien hemm stupru. Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-kaz, u b’mod partikolari fuq l-eta` tas-suggett attiv u tas-suggett passiv, l-istat ta’ sahha u l-forzi taghhom, it-temperament jew karattru taghhom, kif ukoll fuq ic-cirkostanzi partikolari li jkun jinsab fihom is-suggett passiv. Dak li hu necessarju hu li l-vjolenza tkun wahda <u>effettiva</u>, jigifieri li fil-kaz konkret ikun hemm, bejn il-vjolenza adoperata u l-kongungiment karnali, in-ness ta’ kawza u effett, ta’ mezz u fini. Fi kliem Majno: *‘… vano e pericoloso sarebbe il tentativo di disciplinare l’intensita`, i caratteri, l’idoneita` dei mezzi medesimi, se essi sono affatto relative al soggetto attivo e passive del delitto. Secondo l’eta`, lo stato della salute e delle forze ed il temperamento della vittima, puo` avvenire che raggiungano l’intento dei mezzi che considerati in se` stessi, nella generalita` dei casi, dovrebbero ritenersi inefficaci; o***

***che riescano frustranei mezzi ed apparati per se` stessi, nella generalita` dei casi, idonei. L'indagine caratteristica del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuta contro la volonta` della vittima, e non ostante quella resistenza che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento delle circostanze del fatto che rientra nelle nozioni piu` ovvie della vita"*** **(op. cit., para. 1463, pp. 178, 179). Ghalhekk ma huwiex il-kaz, kif donnu qed jippretendi l-appellant, li biex ikun hemm l-istupru jrid ikun hemm, da parti tal-vittma, xi resistenza sa l-ahhar nifs, jew li l-istess vittma tant tkun irresistiet fizikament li tispicca mbengla minn rasha sa saqajha."**

Fil-kaz odjern l-ewwel Qorti osservat illi Omissis kienet tfajla ta' erbatax-il sena, maghmula zghira, u li kienet fis-sakra. L-artikolu 201 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li l-istupru jitqies dejjem bhala vjolent **"… (b) meta l-persuna li fuqha jsir abbuz ma tkunx tista' tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra indipendenti mill-eghmil tal-hati …."** Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, Omissis kienet taht l-influwenza tax-xorb – hi stess tammetti fix-xiehda taghha li *"she was drunk on tequila"* – u "konsegwentement aktar fjakka fir-rezistenza taghha". Din certament kienet ir-raguni principali ghaliex Dr. Mario Scerri ma rriskontrax aktar feriti fuq l-imsemmija Omissis, u cioe` li Omissis ma kinitx f'kondizzjoni li toffri rezistenza qawwija. Izda, kif inghad fis-sentenza precitata, biex ikun hemm l-istupru mhuwiex necessarju li l-vittma tkun offriet "**xi resistenza sa l-ahhar nifs, jew li l-istess vittma tant tkun irresistiet fizikament li tispicca mbengla minn rasha sa saqajha".** Fic-cirkostanzi rizultanti ghalhekk din il-Qorti hija sodisfatta illi jirrizulta l-element ta' vjolenza, anzi ghandu jitqies bhala prezunt a tenur ta' l-artikolu 201(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kwantu ghall-imputazzjoni ta' korruzzjoni ta' minorenni kif addebitata mill-Avukat Generali fir-rinviju tieghu ghall-gudizzju tat-13 ta' Awissu 2002, jirrizulta l-ewwelnett li Omissis diga` kellha esperjenzi sesswali qabel dan il-kaz.

Fil-fatt dan tammettieh Omissis stess li tghid li kellha tali esperjenzi mal-*boyfriend* taghha David Sciberras. Pero`, fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmelo Spiteri** deciz fl-20 ta' Marzu 1989 (Vol. LXXIII.v.1064) intqal hekk:

**"L-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali taghna gie modellat fuq l-artikolu 335 tal-Kodici Taljan imsemmi i.e. ta' l-1889 u dan l-artikolu gie dejjem ikkunsidrat bhala li jirrikjedi fost affarijiet ohra li l-att ta' libidini jkun effettivament ikkorrompa lill-minuri. Il-Codice Rocco biddel is-sitwazzjoni fl-Italja billi minn *'delitto di danno'* ghamel dan id-delitt wiehed *'di pericolo'* kif jispjega l-Manzini meta jghid *'a differenza del Codice del 1889 non si esige per la consumazione che il colpevole abbia effettivamente cagionato la corruzione del minore'*;**

**Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat kontemplat fl-artikolu 203 minhabba hajja ddedikata ghal-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficilment wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn dawn il-Qrati, izda hu cert ukoll li esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita` li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) *in re* Il-Pulizija vs George Portelli (2-2-1975) fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-teorija tal-Maino, 'mhux qed jinghad li l-persuna ga` parzjalment korrotta ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'"**

Fil-kaz in ezami jirrizulta illi Omissis kellha biss erbatax-il sena u kienet ghadha kemm kellha l-ewwel esperjenza sesswali taghha ma' guvni, cioe` ma' l-imsemmi David Sciberras. B'daqshekk zgur ma tikkwalifikax bhala minorenni li tant kienet korrotta li ma setghetx tigi korrotta aktar.

Issa, l-appellant jidher li qieghed jippretendi li huwa kien biss *an innocent bystander*. Jghid, korrettement, illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qalet illi Omissis gharfet lilu u lil Malcolm Mifsud bhala z-zewg persuni li hadu sehem attiv fil-perpetrazzjoni tar-reat. Fil-fatt Omissis semmiet lil Malcolm Mifsud u lil Omissis 2. Izda Omissis qalet ukoll illi kienet taghraf it-tliet ko-imputati bhala l-persuni li hadu sehem f'dan l-incident u li tnejn minnhom zammewha minn spallejha waqt li Mifsud stupraha. Inoltre l-appellant Omissis kien jaf li Malcolm Mifsud kellu l-hsieb li jmur mat-tfajla msemmija – dan qalu l-appellant stess fl-istqarrija tieghu. Ra lil Malcolm Mifsud "inehhi" lil David Sciberras minn fuq it-tfajla. Rah jiggieled ma' David Sciberras. Rah imur fuq it-tfajla u jkollu x'jaqsam maghha. U huwa ma ghamel xejn biex izommu. Anzi, skond ma qalet Omissis, u kif din il-Qorti ghadha kemm indikat, wiehed stupraha u t-tnejn l-ohra zammewha minn spallejha. Altru mela milli "komplici passiv". Fl-istqarrija tieghu l-appellant jichad li zamm lil Omissis minn "idejha", mhux minn "spallejha". Izda anke jekk kellu jinghata l-beneficcju tad-dubju lill-appellant – partikolarment in vista tal-konkluzjonijiet ta' Dr. Mario Scerri – u cioe` li din il-Qorti taccetta li l-appellant ma zammx lil-imsemmija Omissis minn imkien, peress illi huwa kien jaf x'kienet l-intenzjoni ta' Mifsud, meta ddecieda li jakkompanja lil Mifsud kien qieghed juri l-intenzjoni tieghu li jinkoraggixxi lil Mifsud fil-pjan tieghu, cioe` li, kif jipprovdi l-paragrafu (e) ta' l-artikolu 42 tal-Kap. 9, isahhah il-volonta` ta' Mifsud sabiex jaghmel id-delitt.

Konsegwentement l-aggravju ta' l-appellant fil-mertu huwa respint.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant iqis bhala eccessiv. Jghid illi apparti li piena m'ghandha qatt isservi bhala mezz ta' retribuzzjoni, l-ewwel Qorti ma applikatx l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 meta huwa car li jekk hemm l-istupru l-korruzzjoni huwa se mai mezz ghall-fini u certament hemm in-ness guridiku bejn iz-zewg reati. Inoltre, anke jekk mhuwiex applikabbli l-artikolu 17(h), l-ewwel Qorti l-anqas ma tat lill-appellant il-beneficcju ta' l-artikolu 17(b) ta' l-istess Kap. 9. Imbaghad b'referenza

ghall-artikolu 45 tal-Kap. 9, l-ewwel Qorti tat piena ghal reat li mhux konsiderat bhala tali.

Din il-Qorti taqbel ma’ l-appellant li l-ewwel Qorti kien imissha applikat l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9. Barra minn hekk fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tieghu, l-Avukat Generali ma attribwiex xi aggravanti a tenur ta’ l-artikolu 202 tal-Kap. 9 u ghalhekk l-artikolu 45 tal-Kap. 9 mhuwiex applikabbli. Irid jitqies ukoll li billi l-appellant kellu biss sittax-il sena meta sehh il-kaz, il-piena applikabbli, skond l-artikolu 37 tal-Kap. 9 ghandha titnaqqas bi grad jew zewg gradi.

Fil-mori ta’ dan l-appell imbaghad sar *social inquiry report* dwar l-appellant mill-ufficjal tal-*probation* Mariella Camilleri. Minnu jirrizulta li l-appellant gie mghallem il-valur tax-xoghol u minn dejjem wera li kien bniedem attiv u li jhobb izomm ruhu biezel. Ghandu xoghol regolari ma’ l-istess kumpanija fejn jahdem missieru. Ghal diversi snin wera interess fir-religjon u fil-funzjonijiet religjuzi. Jippartecipa fil-knisja u l-Kappillan tal-Parrocca ta’ Ta’ Xbiex iddeskrivieh bhala bniedem habrieki, bil-ghaqal u ta’ qalb tajba. Fil-mori ta’ l-appell gie maghzul u attenda ghal xahar missjoni fil-Kenja. Skond ir-rapport, l-appellant jokkupa l-hin liberu tieghu b’diversi attivitajiet sportivi, jiehu hsieb il-karozza tieghu u johrog flimkien mat-tfajla tieghu. Ohtu hi persuna importanti fil-hajja tieghu u ssostnieh ferm fil-mumenti difficli ta’ hajtu.

Wara li qieset dawn ic-cirkostanzi kollha, u hasbet fit-tul dwar l-ahjar mod ta’ kif ghandu jigi trattat l-appellant, filwaqt illi tqis li l-piena idoneja hi dik ta’ prigunerija, u li l-*quantum* impost mill-ewwel Qorti fi kwalunkwe kaz taqa’ fil-parametri tal-ligi, hi tal-fehma li, anke ghax ma kienx hu l-awtur ta’ l-istupru izda jidher li gie mkaxkar minn haddiehor u kkunsidrata l-fedina penali altrimenti netta tieghu, sejra tissospendi l-esekuzzjoni immedjata tas-sentenza u taghmel ordni ta’ supervizjoni sabiex b’hekk ikunu ntlahqu l-ghan retributtiv (permezz ta’ sentenza ta’ prigunerija), l-ghan deterrent (permezz tas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza) u l-ghan rijabilitattiv (permezz ta’ l-ordni ta’ supervizjoni li jippermetti element sostanzjali

ta’ kontroll fuq l-appellant ghal perijodu estiz u b’hekk ikun aktar assigurat li ma jergax jikkommetti reat iehor).

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati skond l-artikolu 45 tal-Kap. 9 tiddikjarah mhux hati skond l-imsemmi artikolu u minn tali imputazzjoni tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sentejn u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal sentejn b’dan li din is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ snin millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija u tikkonfermaha fil-kumplament. Inoltre a tenur ta’ l-artikolu 28G qed taghmel ordni ta’ supervizjoni li permezz tieghu l-appellant ikun taht is-supervizjoni ta’ ufficjal sorveljanti ghal perijodu ta’ erba’ snin millum u dan taht il-htigiet fl-ordni hawn anness. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija kif ukoll ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28G(9) tal-Kap. 9 jekk jonqos milli josserva xi htiega jew htigiet fl-istess ordni. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------